A.L. 2 ta' l-1999

ATT DWAR IL-LUKANDI U L-ISTABBILIMENTI LI JIPPROVDU IKEL (KAP. 197)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, il-Ministru tat-Turiżmu għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 67 ta' l-1972.

Iżid ir-regolament 7A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:–

"Lukanda li tkun tinsab f'bini ta' importanza.

7A. Fil-każ ta' lukanda li tkun tinsab f'bini ta' importanza storika jew patrimonjali li, minħabba f'raġunijiet konnessi ma' l-ippjanar, ma tkunx tista' tipprovdi xi faċilità minn dawk li hemm elenkati taħt l-intestatura (J) *Amenitajiet* taħt is-Sezzjoni A u s-Sezzjoni B ta' l-Ewwel Taqsima tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, il-Bord jista' jħalli barra, għall-iskop tal-klassifikazzjoni ta' dik il-lukanda, il-ħtieġa għal dik il-faċilità jekk dan ikun tal-fehma li din it-tħollija barra ma tkunx se tnaqqas mil-livell ġenerali meħtieġ f'lukanda ta' dik il-klassi.".